# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

## Illum, 28 ta' Gunju, 2019

## Il-Pulizija
## (Spettur Waynwe Camilleri)
## vs
## Joseph Buttigieg

**Kumpilazzjoni 388/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Buttgieg, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 191874(M)

Akkuzat talli f'diversi hinijiet matul il-lejl ta' bejn il-21 ta' Gunju 2019 u nhar it-22 ta' Gunju 2019, minn gewwa l-istabbiliment "Strictly 360 School of Dancing" li jinsab fi Triq it-Tigrija Marsa:

1. Ikkommetta serq ta' affarijiet elettronici u/jew oggetti ohra liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-hin liema serq sar a dannu ta' Laurence Tanti u/jew xi persuni u/jew xi entita ohra;

2. U aktar talli f'l-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jiskorru l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) li saret a dannu ta' Laurence Tanti u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas lir-Registratur l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri inkluz dawk li jkunu gew mahtura f'l-istadju tal-proces verbal ta'l-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew l-ordni ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sa biex f'kaz ta' htija b'zieda ma' kull piena li l-hati jista' jinghata b'setenza tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li jkun xjentement laqa' ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qliegh iehor kontra l-Ligi bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni u/jew offiza ohra, hsara morali, u /jew psikologika, kagunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bhal dak jista jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni, u fin-nuqqas li jsir hlas kif imsemmi qabel.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jinstema'.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270 u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**